QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 460/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Twain Sciberras**

**Illum 13 ta' Frar 2025**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, **Twain Sciberras,** detenur tal-karta tal-identita **132200(L)**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Minghajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed Il-ħajja ta' haddiehor f periklu car, b'arma irregulari inkella bi strument li jaqta' jew iniggez ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' James Farrugia (Art. 216, 218 Kap.9 ta' Ligijiet ta' Malta);

2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jgieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, b'arma irregulari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez ikkaguna ferita ta natura hafifa gravi fug il-persuna ta' Massimo Caruana (Art. 216, 218 Kap.9 ta' Ligijiet ta' Malta);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lill haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmijin band 'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikunu ipprovokati, ingurjah b'mod li johorgu barra mil-limiti tal-provokazzkoni (Art. 339 (1) (e) Kap.9 ta' Ligijiet ta' Malta);

4. U talli fl-istess, data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal- pubbliku (Art. 338 (dd) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. U fl-ahhar nett garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il- Kummissarju.

Il-Qorti intalbet tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' James Farrugia u Massimo Caruana jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza' ta vjolenza u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f’kaz ta htija bara milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti skond l-artikolu 553 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, fejn sabet lil Twain Sciberras hati ta' l-imputazzjonijiet dedotta kontrih izda mhux hati ta' l-addebitu tar-recidiva u kkundannatu piena ta' prigunerija ta' sitt (6) snin habs effettivi li minnhom ghandhom jitnaqqsu dawk gia skontati taht arrest preventiv.

Il-Qorti ordnat il- konfiska ta' arma regolari jew munizzjon li jkunu qed jinżammu jew jingarru, jigu akkwistati jew ikunu fil-pussess, jigu importati jew esportati, mibjughin

jew trasferiti bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bhala konsegwenza tal-piena ghal dak il-ksur.

Il-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-hati a favur ta' James Farrugia u Massimo Caruana ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C (3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw mutatis mutandis.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lil hati Twain Sciberras ihallas lir-Registratur tal-Qorti l-ispejjez tal-espert mahtura fis-somma komplessiva ta' hames mija, hamsa u hamsin Euro u sebghin centezmi (€555.70) u cioe' l-ispejjez hawn taht elenkati:

1. Spejjez tar-rapport ta' l-espert Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' €255.5059

2. Spejjez tar-rapport ta' I-espert Dr. Mario Scerri fl-ammont ta' €300.2060.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant **Twain Sciberras,** preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar fi 10 ta' Decembru, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi **TIKKONFERMAHA** fil-part tas-sentenza fejn ma sabitux hati tar-recidiva **THASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet lill-appellant hati tal-impjutazzjonijiet minn wiehed sa hamsa migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement **TILLIBERAH** minnhom jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac- cirkostanzi tal-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti:

Illi nhar is-6 ta' Dicembru 2019, l-appellant hareg flimkien ma' zijuh fl-akwati ta' Paceville fejn wara illi marru *bowling,* spiccaw fl-istabbiliment Bacco's. Hemmhekk il-*parte civile* James Farrugia kien qieghed jahdem bhala *supervisor*. Illi peress illi kien hemm xi storbju, iz-ziju tal- appellant cekcek it-tazza mal-bar sabiex jinqeda u hemmhekk inqala' argument bejn is-supervisor James Farrugia, l-appellant u zijuh. Illi f'xi hin waqt dan l-argument, it-tlieta li huma spiccaw fil-kamra tal-banju fejn hemmhekk Farrugia allega illi safa aggredit. III 1-appellant u zijuh hargu minn l-istabbiliment u mat-triq lura l-parte civile l-lehor Massimo Caruana allega illi wkoll safa aggredit mill-appellant.

Illi l-appellant rrillaxxa stqarrija fl-Ufficju tal-Ispetturi, l-Ghassa ta' San Giljan nhar il-11 ta’ Dicembru 2019 fejn spjega illi huwa ddefenda ruhu wara illi l-bouncer tal-Bacco's qabad maghhom u dahhalhom lejn il-kamra tal-banju. Jispjega illi huwa beda jibza' illi ser jgib il-xi hadd ichor tant illi meta kien sejjer ghal karozza kien hemm xi hadd li avvicinah u hasbu bouncer ukoll Illi l-ghada huwa gie mressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn inghata 1- beneficcju tal-helsien mill-arrest fl-istess jum taht diversi kundizzjonijiet.

**Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. Illi, preliminarjament umilment jiġi sottomess illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti hija irrita u nulla in kwantu dak illi ddecidiet il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet mhumiex riflessi fid-decide tal-istess sentenza:

B. Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, umilment jiġi sottomess lill-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha u tal-Ligi applikabbli, stante lill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kienu jaqgħu 'il bogħod mill-grad rikjest mill-Ligi u ghalhekk ma setghet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinciment morali tal- imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant.

C. Illi dejjem mingħajr preġudizzju ghas-suespost, il-piena erogata fil-konfront tal-appellant hija wahda eccessiva;

**A. In-Nullita' tas-sentenza**

Illi jidher car illi meta l-Ewwel Qorti trattat mal-appellant rigward l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, 1-Ewwel Qorti ddecidiet bil-mod segwenti:

Ghalhekk wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda

tal-prosekuzzjoni, fil- preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxiliha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijiet dedotta **kontra l-imputat kontra James Farrugia skont l-artikoli 218 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk sejra issibu hati tali ikkaguna ferita hafifa fuqu.**

Ghalhekk wara li l-Qorti gharblet il-provi kollha imressqa, tqis li mill-assjem tal-provi kif migbura u mressqa quddiem din il-Qorti tqis li l-provi tal-prosekuzzjoni u x-xhieda tal-prosekuzzjoni, fil-preponderanza tal-provi prodotti, il-Qorti hija konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxiliha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward 1-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat kontra Massimo Caruana skont l-artikoli 216 tal-Kodici Kriminali u għalhekk sejra issibu hati tali ikkaguna ferita hafifa fuqu;

Illi madankollu fid-decide taghha l-Ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikoli 214, 215, 216, 217, 218, tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ossia l-Artikoli illi jikkontemplaw l-feriti gravi u mhux il-ferita hafifa. Illi ghalhekk dak illi l-Qorti kkunsidrat fis-sentenza mhux rifless fid-decide tal-istess Qorti u l-appellant jikkontendi illi ghalhekk dan ghandu jgib in-nullita tas-sentenza moghtija minn 1-Ewwel Qorti. Illi sabiex huwa ma jigix pprivat mill-beneficcju tad- doppio esame huwa qieghed jitlob illi din il-Qorti tibghat l-atti lura quddiem il-Qorti tal- Magistrati (Malta) sabiex dan il-kaz jigi trattat mill-gdid;

**B. Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija;**

**1) Principji Generali**

Illi mingħajr preġudizzju ghas-suespost jiġi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament żbaljat tal-provi miġjuba quddiemha stante illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti għażlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella *tassumihom mingħajr ebda prova.

Illi preliminarjament jibda biex jingħad illi l-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, filwaqt illi kif tiddetta l-Liġi u del resto, anke' jghallmuna 1-Qrati tagħna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, w cioe *beyond reasonable doubt,* li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal Ii jwassal ġudikant sabiex jaqbel mat-teżi tagħha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale[1]:-

> *"Il cosi detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet konfliġġenti, għandha tillibera, stante li tali konflitt għandu jmur a benefiċċju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."

F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-ħtija tal-akkużati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raġuni u fkaż li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il- Prosekuzzjoni tiġi kunsidrata li ma ppruvatx il-każ taghha ta' ħtija u għalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi fl-umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f'dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellant anke fuq nuqqas ta' provi.

**2) Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti**

**a) L-Appellant gie mcahhad milli jressaq prova importanti ghad-difiza tieghu**

Illi a tenur tal-Artikolu 356 tal-Kap 9, l-apppellant jirrileva illi l-Prosekuzzjoni hija obbligata tressaq provi favur u kontra l-imputat. Di piu', l-istess Prosekuzzjoni

[1] Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890

pprekludiet l-appellant milli jressaq prova illi kienet determinanti ghad-difiza tieghu u dan stante illi minkejja diversi talbiet mid-difiza sabiex jigi prodott filmat li jirrisali ghal qabel l-allegat incident, il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprovdi dan. Illi dan in-nuqqas kien ta' konsegwenza serja ghall-appellant u dan stante illi, b'rizultat tal-agir tal-Prosekuzzjoni, l-Qorti spiccat li ma kinitx edotta x'gara fl-istess jum u ftit qabel l-allegat incident u cioe dak illi spjega l-appellant fl-istqarrija tieghu meta jghid "*il-bouncer qabad maghna. Niftakar li l-bouncer gie jkellimna ghax zijuwi kien sabbat it-tazza lil barman u niftakar li kien gie jghajjat ma zijuwi biex jara ma jsabbatx it-tazza u mbaghad il-bounser ipprova jipprovoka lil zijuwi. U niftakar li beda hadhu hdejn it-toilet. U mbad imbuttah u jiena bdejt nibza li ha jgib lil xi hadd ichor u kelli niddefendi lili nnifsi. Hu pprovokah. Hu ccalengjana u dahhalna fejn it-toilet.*"

Illi filfatt nhar is-6 ta' Jannar 2020 id-difiza ghamlet talba, u dan kif evidenzjat mill-verbal tal-istess seduta,anke sabiex jigu ezebiti l-filmati tal-bar area fl-istabbiliment Bacco ta' nhar is-6 ta' Dicembru 2019 bejn it-8pm u 1-11pm, ossia l-hin ezatt qabel l-allegat incident. Il-Prosekuzzjoni m'oggezzjonatx ghat-talba u ppromettiet illi sas-seduta ta' wara hija kienet ser tesebixxi kopja tal- istess filmati partikolarment riferibbli ghal area tal-bar gewwa l-istabbilimnet Bacco li jkopri l-hin ta' bejn it-8pm u l-11pm. Illi fis-seduta ta' wara dan ma garax u l-Prosekuzzjoni baqghet qatt ma telghet dan il-filmat.

Illi fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2022 id-difiza regghet ivverbalizzat t-talba maghmula minnha fis- 6 ta' Jannar 2020 sabiex jigu esebiti l-filmati tal-Bar Area. Fl-istess seduta l-Ufficjal Prosekutur informa lil Qorti illi ma kienx hemm aktar filmati ghajr dawk ga ezebiti fil-process. Illi d-difiza ghalhekk talbet illi jigi mharrek rapprezentant tal-istabbiliment ta' Bacco sabiex jixhed huwa stess dwar dawn il-filmati.

Illi fis-seduta ta' wara ossia tas-26 ta' Mejju 2022, gie vverbalizzat illi r-rapprezentant Bacco qatt ma gie mharrek u dan minkejja illi kienu għaddew 'xahrejn minn 1-ahhar differiment.

Illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2022 il-Prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti illi b'referenza ghall-verbali tas-6 ta' Jannar 2020, il-verbal tad-29 ta' Marzu 2022 u l-verbal tas-26 ta' Mejju 2022 ir- rapprezentant tal-istabbiliment Bacco, certu Rodrick Vassallo kien gie biss mgharraf biex jitla' 1- Qorti lejliet is-seduta u ghaldaqstant ma kienx hemm bizzejjed zmien sabiex jigi notifikat.

Illi finalment dan Rodrick Vassallo xehed fis-seduta tal-25 l'Ottubru 2022 fejn spjega illi huwa IT manager ta' Hugo Group u ilu mpjegat ma' Bacco minn Ottubru 2018. Jghid illi huwa kien gie mharrek BISS sabiex jixhed fuq pendrive li kien ghadda lil Pulizija u kkonferma illi l-ewwel darba li l-Pulizija kellmuh fuq dan il-kaz kien fl-

2019/2020, u li ghalhekk ISSA ma kienx f'pozizzjoni li jezebixxxi l-filmati li kienet ilha tinsisti dwarhom id-difiza. Ghalhekk, in segwitu tax-xhieda tieghu, id-difiza talbet lix-xhud jindika liema rikjesti kienu sarulhom, meta, u minn min, fir- rigward tal-filmati. Ix-xhud informa lill-Qorti illi dan il-filmat illum il-gurnata ma kierıx aktar fil- pussess taghhom u kkonferma illi d-DVR kien waqaf jahdem. Illi huwa ghalhekk car u evidenti illi I-Posekuzzjoni, ghal xi raguni prekludiet lid-difiza minn prova determinanti ghad-difiza taghha. Filfatt jirrizulta illi **wara illi d-difiza vverbalizzat it-talba taghha fl-ewwel seduta tas-6 ta' Jannar 2020, min kien inkarigat minn tali filmat ittella' jixhed nhar il-25 t'Ottubru 2022 ossia sentejn, disa' xhur u dsatax-il jum wara. Illi ironikament, dan ix-xhud ghalkemm tharrek, tela biss sabiex jinforma l-Qorti illi fil-mori ta' dak iz-zmien kollu, il-filmat li riedet tipproduci d-difiza m'ghadux jezisti ghaliex id-DVR kien thassar.**

**Illi l-fatt wahdu illi tali *CCTVs footages* baqghu qatt ma gew ezebiti u dana meta setghu gew elevati fil-mument illi talbet ghalihom id-difiza, sarraf fi pregudizzju serju ghad-difiza u ghall- amministrazzjoni tal-gustizzja b'mod in generali, stante illi l-appellant gie mcahhad mid-dritt tieghu illi jipprezenta l-provi bhala parti mid-difiza tieghu u la darba ma giex prodott il-filmat ta' qabel u cioe dak mitlub mid-difiza, din il-Qorti kienet rinfaccjata biss b'parti minn dak li verament gara, u konsegwentement giet mqarrqa.**

Mhux biss, izda meta gie ezebit il-filmat nhar it-30 ta' Novembru 2021 mill-Ispettur, huwa spjega illi dan il-filmat kien wasal ghand il-Pulizija ghaliex ghaddiulhom l-istess *parte civile* James Farrugia illi jahdem Bacco's wara illi l-istess *parte civile* inghata *letter of request* u huwa staqsa lill- manager. Illi johrog car mix-xhieda ta' Rodrick Vassallo tas-6 ta' Dicembru 2022 meta ezebixxa RV1, illi dak iz-zmien tal-incident, sistemi kompluti ma kienx hemm u dak iz-zmien is-solita procedura sabiex jinkiseb CCTV footage kien illi l-venue manager tal-Bacco icempel il-kumpanija li tipprovdi l-installazzjoni tac-CCTV, huma jnizzlu l-filmat fuq pendrive u jghaddi lilhom minnhom. Illi huwa pero kkonferma illi l-venue manager ta' dak iz-zmien din ir-rikjesta ma ghamiliex biex inizzlulu c-CCTV footage u ezebixxa anke skambju ta' emails in sostenn ta' dan.

Illi ghalhekk anke l-procedura ta' kif wiehed jasal ghall-filmat f'dan il-kaz kienet skoretta kompletament meta kjarament ma ttella' hadd illi jished fuq ic-chain of custody ta' dan il-filmat u ta' kif dan wasal ghand il-Pulizija. Illi għalhekk dan jaghti lok ghal difett serju fl-atti. Ad dirittura, jinghad illi kien il-parte civile stess illi ha hsieb jigbor il-filmat (illi dehrlu hu) u jghaddih lill- Pulizija. Ma jidher illi saret l-ebda rikjesta mill-manager ta' dak iz-zmien sabiex jitnizzlu l-filmati u dan iqanqal dubju serju ta' kif allura dawn il-fimati waslu f'idejn il-parte civile jekk il-procedura ma gietx segwita. Kien ghalhekk illi l-filmat thassar? Kien għalhekk illi baqa' ma ngabx?

Ghaliex il-korrispondenza mmarkata RVI ma tghidx xejn fuq dan? Illi t-twegibiet ghal dawn il- mistqosijiet il-Qorti ma setax ikollha b'certezza izda jibqa' l-fatt illi minkejja illi l-filmat u l-mod ta' kif ingab kien mimli dubbji, il-Qorti ghazlet illi tikkonsidrah u tistrich fuqu tant illi f'pagna 22 tas-sentenza tghid:

> *"II-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni ix-xhud tad-difiza Temi, Themistocle Attard. Illi min dak li xehed ix-xhud u dak li fattwalment jirrizulta mic-CCTV il-Qorti tais li l-verzjoni ta' dan ix-xhud ma segwiex."*

Illi bir-rispett dovut in-nuqqas serju fejn tidhol l-investigazzjoni ta' dan il-kaz tohrog cara meta semai il-Pulizija investigattiva kienet fid-dmir illi tinvestiga b'mod effettiv sabiex verament tipprezenta l-provi kollha kemm favur u kontra l-appellant odjern. Illi dan premess, I-appellant qieghed minn issa jirriserva d-drittijiet tieghu li jipprocedi b'kawza kostituzzjonali f'dan ir- rigward;

Illi għalhekk dan l-aggravju qed jigi maghmul fil-bidu ghaliex l-appellant jikkontendi illi f'dan l- istadju din il-Qorti semai tista' u għandha tordna hija stess l-isfilz tieghu meta taghmel il- konsiderazzjonijiet tagħha kif del resto, kellha tagħmel l-Ewwel Qorti;

**b) Id-difizi tal-appellant baqghu ma gewx ikkonsidrati**

Illi sa minn meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu nhar il-11 ta' Dicembru 2019 1-appellant spjega illi kien hemm element ta' provokazzjoni qawwija mill-parte civile James Farrugia tant illi dan beda jitkellem hazin u b'mod arroganti maz-ziju tieghu u anke stedinhom jidhlu fil-kamra tal-banju tal-istess stabbiliment, fejn hemmhekk l-appellant jghid illi ddefenda lilu runifsu. Illi, ghalhekk sussidjarjament ghal dak hawn fuq suespost, il-fatti ravvizati jinkwadraw fil-legittima difeza.

Fid-dawl ta' dan l-aggravju, l-esponenti jaghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. David Farrugia'</u>**, deciza nhar is-26 ta' Mejju 2016, per Onor. Imhallef Edwina Grima, fejn giet trattata d-difiza tal-legittima difeza in funditus, u gie sostnut hekk:

> *"Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b' forza l- vjolenza jew aggressivita' ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva 1-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid: 'Ma hemmx reat meta omicidju jew offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor! " In oltre, issir*

*referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl- ismijiet Il-Pulizija v. Zachary Vella' deciza nhar it-3 ta' Mejju 2019, per Onor. Imhallef Edwina Grima, fejn intqal hekk:*

*"... biex tirnexxi difiza li hija legittima, tali difisa trid tirrizulta, ghalingas fuq bazi ta' probabilita', li l- appellant kellu xi bzonn attwali li jiddefendi ruhu minn xi perikolu ingust, gravi u inevitabbli uljew li kien soggett ghal xi provokazzjoni li f persuna ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunx kapaci jqis il-konsegwenzi tad-delitt u li kienet twassal biex hu jirrejagixxi kif irrejagixxa. Dan kollu johrog mill-provi quddiem il-Qorti li ghandha tevaluta l-portata taghhom specjalment meta jkun hemm versjonijiet konfliggenti*

*Illi f dan il-kaz, l-appellant fl-istqarrija tieghu spjega illi kien hemm bouncer illi "ipprova jipprovoka lil zijuwi. U niftakar li beda hadhu hdejn it-toilet. U imabgahd ibbutah u jien bdejt nibza' li ha jgib lil xi hadd iehor u kelli niddefendi lili nnfisi. Hu pprovokah. Hu c-chalengjana u dahhalna fejn it-toilet." Illi iktar tard fl-istqarrija huwa kompla jsostni illi beda jibza "li gejjin ghalija l-bouncers u mbaghad hargu xi zewg bouncers u kien hemm xi had avvicinani ukoll. Jiena bdejt niddefendi ruhi f kwalunkwe sitwazzjoni."*

Illi l-appellant ihoss illi l-agir tieghu jinkwadra fid-difiza ta' self-defence peress illi, l-incident sehh gewwa bar Paceville wara illi kien il-parte civile illi avvicina lill-appellant u zijuh u mhux bil- kontra. Jinghad illi f'dak il-hin l-appellant kien qiegħed jaffacja sitwazzjoni fejn il-parte civile li ma kienx jafu qallu biex jidhol fit-toilets tal-istabbiliment u dana minflok qallu jitlaq 'il barra jew keccich li kieku verament kien qieghed idejjqu. Jinghad illi din il-persuna kienet persuna t'awtorita' gewwa dan il-bar stante illi din kienet fuq xoghol u qaltlu li ilha hamsa u ghoxrin sena hemmhekk.Illi l-filmat m'ghandux sound u ghalhekk x'intqal il-Qorti ma tistax tkun taf bic-cert pero' jidher illi l-appellant kien mrassas mal-hajt tant illi f'mument minnhom ma kellux fejn jiccaqlaq iktar. Illi fin-nofs kien hemm terz illi beda jipprova jferraq u l-parte civile tefghu mal-art (fi kliem it-terz "ramih"). Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, l-appellant beża' għall-inkolumita' tiegħu u ddefenda lilu nnifsu. Ghalhekk jirriżultaw l-elementi tal-legittima difeża.

Illi hawnhekk issir referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulizija vs. Joseph Psaila**[1] fejn rigward id-difiza tal-legittima difeza ntqal hekk:

*"Fil-legittima difiża trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida uljew minaċċja ta' l-istess, bl-aġir ta' l-agressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkreata unikament mhux*

*minn min jadotta din it-tip ta' difiża, iżda minn min qed juri jew jimmanifestaw dak il-perikolu jew theddid jew dannu immininenti...*

*Jiġi rilevat li d-dritt ghal-legittima difiża jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fondamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu innifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu tal-forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex dina l-eċċezzjoni tiġi milqugha. Ċjol it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jiġifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem uljew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih fdak il-mument, ried jevita xi perikolu li ma setax jiġi evitat b'xi mod ichor.*

*Jigifieri il-periklu għandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dina tista' taghti lok biss għal provokazzjoni u mhux difiża legittima. Il-perikolu jrid ukoll ikun assolut, ċivé li f dak il-mument li kien qed isehh ma setax jiġi evitat b'xi mod ichor. Iżda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qrati dejjem speċifikaw u mhux biżżejjed li wiehed jghid x'seta ghamel jew xi jmissu ghamel id-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difiża bl- użu tal-forza."*

Illi b'zieda ma' dan il-Qorti rriteniet is-segwenti fil-kawza fl-ismijiet ir**-Repubblika ta' Malta vs. Mariano Grixti**[2]

Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex tigi applikat dina l-iskriminanti ghad- delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi, ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il- minaccjalaggressjoni kif hekk ikkwalifikata

omissis...

Jekk allura l-aggredit ikollu l-ghazla fil-mument tal-agressjoni u cioe' jekk ikun possibbli ghalih li jevita dak il-perikolu jew ikun jista' jfittex l-ghajnuna mill-awtoritajiet u jonqos milli jagħmel dan, izda jaffaccja l- periklu huwa stess, allura jigi nieqes il-kuncett tal-awto-difeza.

omissis...

Sabiex l-att difensjonali jkun ġustifikat, l-att ta' agressjoni jrid jkun ta' ċertu portata u ta' periklu u jrid jammonta ghal reat vjolenti jew li jsehh f'tali čirkostanzi li jqajjmu biża raġjonevoli tal-periklu tal-ħajja jew tas-sigurta personali ta' dak li jkun jew haddiehor. Dan ghandu jkun determinat minn min hu imsejjah biex jiggudika billi jigi applikat it-test soggettiv li jfisser illi l-gudikant irid jidhol fiż-żarbun tal-gudikabbli skont il-każ sabiex igharrbel il-hsibijiet u l-emozzjonijiet tieghu fil-mument illi huwa jkun ġie rinfaċċjat bil-periklu."

Illi b'hekk, jirriżulta dottrinalment li l-elementi meħtieġa li jkunu sodisfatti għas-suċċess ta' din id-difiża huma li l-attakk irid ikun wieħed (i) ingust, (ii) gravi u (iii) inevitabbli. Di più, t-theddida li biha qed jiġi affrontat l-aggredit trid tkun wahda attwali u eżaminata mill-punto di vista tal-aggredit filwaqt li r-reazzjoni tiegħu għall-periklu trid tkun wahda proporzjonata għall-minaċċja affrontata.

Dwar l-element ta' l-inevitabilita' il-**Professur Sir Anthony Mamo**, fin-noti tieghu "**Lectures in Criminal Law**, Part 1", jghid hekk[2] :

> "*The accused must prove that the act was done by him to avoid an evil which could not otherwise be avoided. In other words the danger must be sudden, actual and absolute. For if the danger was anticipated with certainty, a man will not be justified who has rashly braved such danger and placed himself in the necessity of having either to suffer death or grievous injury or to inflict it. In the second place the danger must be actual: if it had already passed, it may, at best, amount to provocation or, at worst, to cold-blooded revenge, and not to legitimate defence, if it was merely apprehended, thenother steps might have been taken to avoid it. Thirdly, the danger threatened must be absolute, that is, such that, at the moment it could not be averted by other means.*

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** jghallem illi "*in deciding whether there was actual necessity of self- defence, the test should be 'subjective'. The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as he saw it at the time.*"

Illi l-appellant jikkontendi illi dawn l-elementi kienu kollha ezistenti f'din is-sitwazzjoni fejn johrog car mill-istqarrija tal-appellant u mix-xhieda taz-ziju tieghu illi kien James Farrugia illi beda din il-glieda. Illi bir-rispett dovut lejn l-Ewwel Qorti, hija naqset milli tikkonsidra certu mistoqsijiet importanti illi tqajjmu mid-difiza tal-appellant u cioe x'kien il-hsieb ta' dan l-istess Farrugia illi minflok jghajjat ghall-kollegi tieghu li kienu qed jagixxu ta' Security stieden lill- appellant u lil zijuh fil-kamra tal-banju?

[2] pagna 104

A fol. 40 huwa jghid "*U konna vicin tat-toilet, ghiditilhom: ejja nitkellmu naqra fit-toilet*" A fol. 42 huwa jghid "*Ma rridx indahhal Securities*" minkejja illi a fol. 67 jghid illi ma setax jghajjat is-Securities u a fol. 69 jghid illi minkejja illi kien mhedded "*peres li kienu Maltin ma ridtx li jkolli problemi maghhom*" u ghalhekk m'ghajjatx ghas-Securities.

Il-*parte civile* jghid illi f'kazijiet bhal dawn li kellu jigri kien illi jghajjat ghas-Securities, inkellmuhom flimkien u johorguhom 'il barra. (a fol. 69). Izda jghid car illi minkejja illi kien izjed facli illi jagħmel dan "*ma ridxt nghajjat lis-Securities.*" (a fol. 70) u ried "insolvi l-probema." Izid jghid illi wara illi dahlu fit-toilets xorta ma kellux ghalfejn icempel is-Securities u beda jghidilhom "*aqbu u ohorgu minn hemm.*" (a fol. 73) **Jghid ukoll illi ma kellux ghalfejn jibza" "*kieku kont qed nibza' kont nghid lis-Securities mill-ewwel u johorguhom 'il barra.*" (a fol. 74)**

Minn dan jirrizulta car illi anke dak illi xehed il-parte civile m'ghandux mis-sewwa meta ma jaghmel l-ebda sens il-fatti kif deskritta minnu. Il-logika tiddetta illi persuna illi qed jagixxi ta' security (u ilu jagħmel dan ix-xoghol ghal hamsa u ghoxrin sena) fi stabbiliment Paceville u qed gi kkonfrontat min-nies illi skontu qed igibu ruhhom hazin, izda illi ma kienux qed jhodduh jew jagħmlu xi haga li jibza minnhom, ma jippruvax isolvi l-problema huu billi jdahalhom fit-toilet izda jagħmel dak illi solitament isir u jghajjat lis-security tal-post sabiex jehles minnhom kemm jista' jkun malajr!

Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost f'kaz illi din il-Qorti thoss illi d-difiza tal-legittima difeza tinkwadra, izda ma tapplikax strettament f'dan il-kaz, l-appellant jistieden il-Qorti ukoll tikkonsidra d-difiza tal-eccess tal-legittima difiza ossia dak kif konsdirat fl-Artikolu 227 (d) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi huwa rez applikabbli f'dan il-kaz permezz tal-Artikolu 230 (b) tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe illi hareg barra mil-limiti impost mil-Ligi jew mill-awtorita, jew mill-bzonn.

Illi dawn iz-zewg difizi l-appellant qieghed jitlob li jigu kkunsidrati wkoll fejn si tratta tal-parte civile Massimo Caruana. Illi fl-istqarrija tieghu johrog car illi fhin minnhom l-appellant haseb u fehem illi kienu gejjin ghalih izjed bouncers u fehem illi kienu ser jduruh tant li jispjega "gejjin ghalija l-bouncers u mbaghad hargu xi zewg bouncers u kien hemm xi had avvicinani ukoll. Jiena bdejt niddefendi ruhi fkwalunkwe situazzjoni." Illi ghalhekk fic-cirkostanzi, l-appellant hass il-bzonn illi jiddefendi I-persuna tieghu meta huwa kien tal-fehma illi kien hemm persuni li ser įduruh.

Illi wkoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz illi din il-Qorti joghgobha tiskarta dak hawn fuq suespost, l-appellant dejjem mingħajr pregudizzju, jistieden lill-Qorti tikkonsidra 1- attenwanti tal-provokazzjoni. Fi kliem iehor, huwa jistieden il-Qorti tikkonsidra illi d-daqqiet kienu r-reazzjoni tieghu li giet pprovokata mill-fatt illi l-

istess James Farrugia kien dahhlu fit- toilets tal-istabbilment, beda jinstigah u nehha lit-terz min-nofs li jigi zijuh biex jiggilidlu u jaghmillu l-hsara;

Illi fuq dan, din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Frar, 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs James Farrugia'** rriteniet illi:

> "*Dina r-reazzjoni aggressiva da parti ta' Camilleri sehhet meta l-appellat wassal lit-tifel taghhom iktar tard mill-hin miftichem tant illi jidher illi Camilleri saret anzjuza u hekk kif rat lill-appellat irreaggixxiet b' mod aggressiv tant illi l-minuri li sadanittant kien ghadu bil-qiegħda fil-karozza kien beda jirresisti milli ommu tohorgu mill-vettura u ghalhekk intrabat ma' ghong missieru. L-appellat ghalhekk beda jipprova jikkalma lil Camilleri u hareg mill-vettura izda jidher illi hija kompliet bl-agir provokatorju tagħha tant illi l-appellat spicca qabad u xejrilha daqqa ta' ponn biex b' hekk hija indarrbet fuq ghajnejha, Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma illi f' din is-sitwazzjoni l-iskuzanti imsemmija flartikolu 227(c) tirrizulta ippruvata.*"

Dan l-attenwanti, f'reat ta' offiza volontarja, huwa kontemplat mill-Artikolu 230 u 227(c) tal-Kap. 9 u huwa pacifiku li diversament mil-legittima difiza, il-beneficcju ta' dan l-attenwanti jinghata biss meta l-provokazzjoni, ossia l-att provokatorju, ikun tali li f'ries ta' temperament ordinarju komunement igib l-effett li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-effett tad-delitt u jitlef il-kontroll tieghu. Ghalhekk, jirrizulta li hemm zewg elementi li jsawru dan l-iskuzanti u cioe' fl-ewwel lok, -provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli, u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt tal-azzjoni li tagħha tingieb bhala skuza.

**C) Il-Qorti skartat kompletament ix-xhieda prodotti mid-difizi;**

Illi jinghad ukoll illi l-Qorti skartat kompletament dak illi pproduciet id-difiza bhala provi. Minkejja illi l-appellant ma xehedx fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, ix-xhud prodott mid- difiza nhar is-27 ta' Frar 2023 u cioe Themistocles Attard ikkorabora dak illi qal 1-appellant fl- istqarrija tieghu. Issa, jigi rilevat illi l-uniku darba fejn il-Qorti kkonsidrat l-istqarrija tal-appellant fil-konsiderazzjonijiet tagħha kien f'pagna 25 tas-sentenza fejn il-Qorti kkonsidrat illi l-appellant "ma nneggax li f'dik il-gurnata u f'dak il-hin kien fl-inhawi fejn sehh l-incident fil-konfront ta' Massimo Caruana. Tant hu hekk li hu jispjega li dak il-lejl marru bowling, imbaghad Bacco's bar u wara mar hdejn ic-cinema." Illi minkejja dan, il-Qorti ma qieset xejn iktar minn dak illi qal l-appellant. L-Ewwel Qorti la tispjega ghalfejn mhix ser toqghod fuq l-istqarrija illi rrilaxxa fil-kumplament taghha u lanqas ma tispjega ghalfejn qaghdet fuq il-bicca tal-istqarrija illi hija ccitat.

Di piu', jingħad illi fejn jidhol ix-xhud tad-difiza u cioe Themistocles Attard, il-Qorti tghid car u tond illi I-verzjoni tieghu ma temminix u dana b'referenza ma' dak illi jirrizulta mic-CCTV. Illi bir-rispett dovut, il-Qorti ma setghetx tikkompara meta parti mix-xhieda tieghu lanqas biss tkopri dan il-filmat u dana ghaliex kien qiegħed jispjega l-ewwel parti illi suppost kellu juri l-filmat illi baqa' ma giex ezebit. Kif setghet issir din il-komparazzjoni?! Jirrizulta ghalhekk illi l-Ewwel Qorti ma setghetx tiskarta tali xhieda in vista ta' dak illi johrog mill-filmat kif fil-fatt iddecidiet illi taghmel.

Lura ghax-xhieda ta' Themistocles Attard, ix-xhud spjega li huwa jigi z-ziju tal-appellant u li dakinhar huwa kien mieghu. Jispjega illi kif qal l-appellant, wara illi marru bowling, marru gewwa Baccos, San Giljan u staqsa lill-barman sabiex jaghmilhom drink u peress illi dan il- barman ma semghux qabad tazza illi kienet fuq il-bank u cekcika. Jghid illi kif ghamel hekk ra ragel gej fuqu illi iddentifikah bhala James Farrugia u b'arroganza kbira qallu: "iccekcikiex it- tazza." Dan ir-ragel staqsa ghalfejn qed icekcek it-tazza u "mbaghad dahhalna gewwa fit-toilet." Huwa spjega illi dan ir-ragel beda jitkellem hazin u kien arroganti u "ried jiggieled maghna bilfors."

Huwa jispjega illi dan qallu "jien ilni hawnhekk hamsa u ghoxrin sena." Filwaqt illi huwa pprova jikkalma s-sitwazzjoni, l-istess bouncer James Farrugia "ma ried jieqaf b'xejn", "imbaghad mar ghal fuqu, tajjarni lili tajjarni, ramini, waqqani ghal rasi lili heqq u bdew jiggieldu mbaghad". Huwa spjega illi huwa pprova jferraq u illi wara li sehhet il-glieda Twain telaq jigri minghajr ma lissen kelma u x-xhud telaq jigri wkoll ghax beza' illi ser jigu xi ohrajn. Jghid illi fil-pront hareg jigri iehor illi hassadhom. Huwa jghid illi "ahna bezghanin u xorta bgajna bezghanin. "Illi a contrario, hija emmnet lill-parte civile u skartat kompletament il-karattru tal-vittma inkluz kif gab ruhu durante 1-proceduri.

Illi, l-appellant jagħmel referenza ghall-karattru gellied u aggressiv tal-appellant illi anke hareg f'diversi istanzi quddiem l-Ewwel Qorti. Jinghad illi f'diversi istanzi waqt il-kontro-ezami tieghu, 1-Ewwel Qorti kellha tigbidlu l-attenzzjoni ghall-komportament tieghu.

A fol. 60 meta kien qed jigi mistoqsi in kontro czami huwa staqsa lill-Avukat Difensur "Tal x'jigifieri Supervisor?" u l-Qorti spjegajtlu "*O,O Sur Farrugia. Mistoqsijiet għandu dritt jaghmilhom.*"

A fol. 62 huwa jerga' johodha mal-avukat difensur u jghidlu "*Int trid tghidli. Int qed tistaqsini.*" "*Ghamilomli sewwa d-domandi biex inwiegeb u.*"

Jinghad ukoll illi spicca mkecci mill-awla sforz id-dahk illi ghamel waqt illi qed jixhed boxhud tad-difiza Themistocles Attard a fol. 211 u l-Qorti kecciet lill-istess James Farrugia mill-awla "Stenna barra mill-awla issa. Kompli. Taghtix kas."

Illi anke mal-Probation Officer tirrileva a fol. 121 illi huwa "ma riedx ihalli kummenti u sostna li ghadna nkellmu lil avukat tieghu Dr. J. Giglio, madankollu s-Sur Farrugia nstemma rrabjat twaqt il-kuntatt telefoniku." Illi zgur illi l-Ufficjal tal-Probation ma kienet ghamlitlu xejn sabiex jinstema' irrabjat!

Illi l-appellant ezebixxa wkoll numru ta' rapport illi saru WARA dan I-allegat reat fejn huwa r- rapporta lill-parte civile minhabba l-komportament tieghu. IIIi dawn gew ezebiti fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2023 fejn fost ir-rapporti l-appellant jispjega illi dan Farrugia ghaddha minn quddiemu u qallu 'pufta' u 'muqran.' Illi anke Themistocles Attard rraporta illi gie mbuttat ghal gol-hajt

Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespot f'dan l-appell, meta wiehed iqis il-filmat tac-CCTV jidher ukoll il-mod ta' kif huwa kkomporta ruhu mat-terz fejn dan beda jaghti lill-istess ziju tal- appellant;

Illi l-appellant talab ukoll lir-Registratur tal-Qrati Kriminali bil-ghan illi jigu ezebiti l-kawzi pendenti illi l-parte civile ghandu u din it-talba, minkejja illi mhux opposta mill-*parte civile* stess, giet michuda. Illi dan ukoll huwa aggravju illi qieghed jaghmel l-appellant stante illi huwa xtaq iressaq tali provi sabiex juri l-komportament tax-xhud u x'kawzi ghandu pendent rigwardanti l- istess mertu ma' persuni ohrajn. Illi l-avukat tal-parte civile stess stqarr illi fil-kawza illi kienet pendenti quddiem il-Magistrat Elaine Rizzo ddepona xhud illi spjega fuq "sitwazzjoni fjen il-*parte civili,* bhal ma gara f'dan il-kaz, gie aggredit u msawwat minn persuni illi kienu qed jiffrekwentaw fis-stabbilimnet li hu jahdem.Il-post inzerta wkoll l-Baccos gewwa Paceville."

Illi ghalhekk il-Qorti kienet konsapevoli ta' izjed minn incident wiehed illi fih kien involut il-*parte civile* fl-istess post izda xorta ma awtorizzatx lid-difiza tipprezenta x-xhud illi kellha bzonn sabiex tezebixxi liema huma dawk il-kawzi l-ohrajn;

Illi ghalhekk f'dan l-istadju l-appellant qed jerga' jagħmel din it-talba f'dan l-istadju sabiex jigu ezebiti l-kawzi pendenti illi ghandu l-*parte civile* James Farrugia u l-fedina penali tieghu;

Illi dan kollu juri 1-komportament tieghu f'awla tal-Qorti u ma' professjonisti mqabbdin mill- istess illi kienu qeghdin biss fuq il-lant tax-xoghol! Illi jekk din hija l-

attitudni tas-Sur Farrugia wehed jista' jobsor x'inhi l-attitudni tieghu f'kazijiet fejn huwa jkun fpozizzjoni ta' iktar poter minn haddichor bhala Supervisor!

Illi dan ukoll baqa' ma gie kkunsidrat qatt mill-Ewwel Qorti.

**d) L-arma tal-ponn**

Illi filwaqt illi d-difiza tibqa' tikkontesta illi f'dan l-allegat incident kien intuzat arma tal-porn ghaliex dan baqa' ma rrizulta minn imkien hlief mid-deposizzjoni tal-parte civile stess, jinghad illi hemm dubbju serju ta' kemm l-Ewwel Qorti verament rat il-filmat illi gie ezebit mill- Prosekuzzjoni u dana stante illi mill-filmat stess ma jidher l-ebda arma tal-ponn. Illi, minkejja ili 1-Qorti qalet car fis-sentenza taghha illi din l-arma tidher fil-filmat, dan ma jirrizultax stante illi fl-ebda mument ma jidher ponn tal-hadid. Illi ghalhekk 1-Ewwel Qorti hija sprovvista mill-ahjar prova.

Illi sussidjarjament, l-appellant xorta ser jitratta l-kwistjoni ta' jekk ponn tal-hadid jaqax taht arma regolari jew wahda irregolari huwa tajjeb illi jintqal illi din l-arma baqghet qatt ma giet eżebita mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk

Illi l-appellant jaghmel referenza ghall-artikolu 638 tal-Kap 9 li jghid hekk:

> *638.(1) Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfaċenti illi l-każ ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebdaxhud li x-xiehda tieghu tkun importanti. Xhud wiehed wahdu hu biżżejjed.*
>
> *(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekkemmnut minn min ghandu jiġġudika fuq il- fatt, hija biżżejjed biextagħmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

Di piu' l-artikolu 520 (1) (d) tal-Kodici Kriminali jrendi lill-artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili applikabbli ghall-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali. L-artikolu 559 tal-Kap 12 jistipula illi:

> *"Il-Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-akjar prova li l-parti tista' ggib."*

Illi kif inghad minn din il-Qorti nhar is-26 ta' Jannar 2023 fil-kawza fl-ismijet **<u>il-Pulizija vs. Andy Buttigieg:</u>**

Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ

konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>IrRepubblika ta' Malta vs George Spiteri</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> *Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan principju fondamentali appena msemmi, jogghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mil-htija tal-persuna akkuzata.*

Ili wkoll nhar 1-20 ta' Dicembru 2022 fil-kawza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs. Ishmael Cachia</u>**, din il- Qorti qalek hekk:

> *Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il- provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil verżjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li fdin l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wiehed wandu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xichda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil- passat.4 Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib htija fpersuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wiched biss.*

Illi f'pagna 22 tas-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti qieset ukoll illi l-appellant uza "*arma tal-ponn li tidher bic-car fil-filmat*." Jinghad, ab initio illi ghalkemm l-appellant ma jaqbilx ma din l-osservazzjoni, jinghad illi permezz tal-ewwel u t-tieni akkuzi huwa kien akkuzat illi uza arma irregolari. Il-mistqosija ghalhekk tkun jekk dak li l-Ewwel Qorti sejthitlu l-arma tal-ponn jaqax taht tali definzzjoni jew le.

Illi ghal dak li jirrigwarda x'jikkostitwixxi arma regolari l-Kapitolu 480, fid-definizzjoni mghotija f'l-artikolu 2, jirreferi ghat-tifsira mghotija fl-artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan 1-ahhar imsemmi artikolu jipprovdi hekk:

> *"64. (1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-oħra kollha li ghandhom bhala skop prinċipali d-difiża ta' wiehed innifsu jew l-offiża ta' haddiehor. (2) L-armi, strumenti u għodod ohra kollha*

*ma jitqisux bhala armi, hlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari."*

Illi Taqsima II ta' Skeda I tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta telenka dawk li huma armi projbiti, fost liema hemm ponnijiet tal-hadid. Ghandu jingħad li dan il-każ jikkončerna ponn tal-hadid.

Illi fis-sentenza deciza nhar il-25 ta' Lulju 2023 mill-Qorti tal-Appell Kriminali deciza mill-Onor. Imhallef Dott. N. Camilleri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jordan Azzopardi** inghad illi ponn tal-hadid jaqa' taht arma regolari u mhux dik irregolari.

Illi ghalhekk huwa ma kellux jinstab hati illi huwa kkometta l-ewwel zewg imputazzjonijiet

b'arma irregolari u kellu jigi liberat anke minn dik il-parti tal-imputazzjonijiet;

**e) Il-Hames Imputazzjoni**

Illi permezz ta din l-imputazzjoni l-appellant instab hati wkoll li garr barra minn xi fond jew -dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta jew hil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju.

Illi l-appellant jirrileva illi anke ghar-ragunijiet kkunsidrati diga supra fejn ma tirrizulta l-ebda arma huwa ma setax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni. Jinghad ukoll illi sabiex l-Ewwel Qorti sabitu hati, hija ma taghat l-ebda konsiderazzjoni x wassalha verament sabiex issib il-htija ta' din 1-imputazzjoni:

Jinghad ulterjorment illi minn dak illi xehed Dr. Mario Scerri jirrizulta illi l-parte civile James Farrugia kellu blunt trauma. Illi dan huwa punt importanti stante illi li kieku verament l-appellant kellu fil-pussess tieghu u uza' xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta il-parte civile ma kienx ser jkollu blunt trauma izda t-tobba kienu jikkonstataw illi jkollu ferita illi giet ikkagunata bi strument li jaqta' jew bil-ponta. Illi ghalhekk huwa ma kellux jinstab hati anke ta' din l-imputazzjoni;

**Interpretazzjoni zbaljata tal-Ligi applikabli**

Illi l-appellant ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti meta fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni hija sabet il- htija skont l-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex huwa umilment jikkontendi illi semal l-fatti kif ravvizati kienu izjed jinkwadraw ruhhom skont l-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali,

Illi ghal kull buon fini d-disposizzjonijiet rilevanti qed jigu riprodotti hawn isfel.

**Artikolu 218 tal-Kap 9**

> *218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-prigunerija minn hamsa sa ghaxar snin*
>
> *A. jekk tikkaġġuna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iggib difett permanenti fparti tal-ghamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-mohh;*
> *B. jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-ghong jew f'wahda mill-idejn tal-offiżi*
>
> C. jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.

**Artikolu 216 tal-Kap 9**

> *216.(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin*
>
> *(a) jekk tista ggib perilu*
> *(i) tal-ħajja; jew*
> *(ii) ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew*
> *(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*
> *(iv) ta' marda permanenti tal-mohh; (b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-*
> *(b) wiċċ, fil-ghong jew fwaħda mill-idejn tal-offiż;*
> *(c) jekk ikun magħmula b'ferita li tidhol ftoahda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda wahda mill-konsegwenzi msemmijin fi-artikolu 218;*
> *(d) jekk iggib marda tel-mohh jew tal-ġisem li ddum ghal letin ġurnata jew iżjed, inkella, ghal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur ghax-xogħol tieghu;*
> *(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iggieghelha tehles qabeliż-żmien*

Jibda biex jigi rilevat illi l-Ewwel Qorti fl-ebda parti mis-sentenza ma ndikat taht liema bran specifiku tal-Artikolu 218 qed issib il-htija. Dan ipoggi lill-appellant fpozizzjoni fejn huwa prekluz milli jiddefendi ruhu bl-aqwa mod ghaliex huwa ma jistax ikun jaf ezattament taht liema parti ta' din il-Ligi l-Ewwel Qorti sabet il-htija;

Illi kif ghallmet il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-1 ta' Lulju 2020 fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs. Anthony Borg**"

> *Verament li kemm l-artikolu 216 kif ukoll l-artikolu 218 tal-Kodiċi Kriminali t-tnejn li Inema jittrattaw ir- reat t'offiża gravi fuq il-persuna. Biss huma jirreflettu gradi u ċirkostanzi differenti ta' dan ir-reat, u konsegwentement igorru wkoll piena differenti.... L-Avukat Generali*

*għandu raġun meta jgħid li l-artikoli 216 u 218 tal-Kodici Kriminali jirreferu entrambe ghal offiża gravi - iżda hemm distinzjoni bejniethom għal dak li jirrigwarda l-estent tal-gravita' u tal-permanenza tal-ġrichi nkorsi.*

Illi wkoll fuq id-differenza bejn l-Artikolu 216 u l-Artikolu 218 tal-Kap 9, fis-sentenza moghtija nhar it-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali inghad illi:

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita' li tirrimarka fokkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wice (jew fl-ghong jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Hutwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre l-gravita) ta' l-isfregju."*

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha f'pagna 21 et seq. jidher illi qieset ir-rapport ezebit minn Dr. Mario Scerri fis-seduta tad-9 ta' Dicembru 2020 fejn hemmhekk huwa ikkonkluda inter alia illi l-*parte civile* Farrugia kellu cikkatrici fuq ix-xoffa ta' fuq tal-halq u illi din baqghet deformed. Jghid ukoll illi x-xoffa ta' fuq tal-halq tilfet il-contour taghha rizultat tal-lacerazzjoni subita u tidher sewwa from within talking distance. Jinghad illi kien hemm lezjoni ohra fuq is-supraorbital ridge tax- xellug illi tidher from within talking distance. Illi z-zewg lacerazzjonijiet kienu rizultat ta' blunt trauma u illi dawn il-lezjonijiet jammontaw ghal inqas minn 10% tat-total body surface area u jgorru maghhom massimu ta' dizabilita' permanenti ta' 5%.

Illi bir-rispett dovut, dak illi spjega Dr. Scerri jinkwadra f'dak illi jiddisponi l-Artikolu 216 (1) (b) stante illi fil-kaz in dizamina l-istess xhud jispjega dak li hu legalment maghruf bhala 1-mankament jew sfreġju fil-wiċċ. Tant hu hekk illi huwa jiddeskrivi illi x-xoffa ta' fuq tal-halq baqghet deformed- dan huwa l-istess kliem illi juza' t-test Ingliz tal-Ligi fl-Artikolu 216 (1) (b) meta jghid:

*216. (1) A bodily harm is deemed to be grievous and is punishable with imprisonment for a term from ane year to seven years -*

*(b) if it causes any **deformity** or disfigurement in the face, neck, or either of the hands of the person injured;*

Illi stabbilit dan jinghad in propositu fis-sentenza fl-ismijlet **Il-Pulizija vs Paul Spagnol** tat-12 ta' Settembru 1996, illi:

*"B'mankament... fil-wice, il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament ta' l-aspett tal-wice II, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza,*

*jipproduci notevole o complessivo, o per l-entita' della aterazjoni stess, o per l-espressione d'assieme del volto*[3]"

Illi b'referenza ghall-fatt illi l-hsara skont l-istess espert tidher sewwa from within talking distance, hija wkoll karatteristika ta' dak li hu kkontemplat fl-Artikolu 216 u cioe skont dak ritenut fil- kawza **il-Pulizija vs Emily Zarb**, fejn il-Qorti stqarret li l-isfregju kkontemplat fl-artikolu 216(1)(b) jista jkun anke temporanju u li din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "*li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin.*"

Illi ssir referenza wkoll ghal dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Gunju 2011 fil- kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Lawrence Theuma** fejn il-Qorti sahqet hekk:

> *Skont l-artikolu 218(1)(b) l-offiża trid tkun gravi u permanenti. Id-difiża mhix tikkontesta l-permanenza iżda qed tgħid li l-offiża mhix gravi. Il-Qorti qieset diversi fatturi. Godwin Schembri huwa raġel twil u għalhekk, bit-tul medju Malti sew anqas minn dak tal-allegat vittma, hafna ser jispiċċaw tharsu 'I fuq biex ikellmuh. Fuq dik il-parti in kwistjoni lehja ma tikbirx. Il-Qorti harset lejn Godwin Schembri fl-Awla, u rat l-offiża malli ngibdet l-attenzjoni tagħha minn Godwin Schembri. Li kieku ma kenitx tarha. Ghaldaqstant il-Qorti qed tqis li l-offiża hija gravi ai termini tal-artikolu 216 (1)(b) tal-Kap 9 u mhux tal-artikolu 218(1)(b). Ghalhekk qed tilqa' dan l-aggravju u minflok issib lill-appelalnt hati taht la-rtikolu 218(1)(b) qeed issibu hati taħt l-artikolu 216(1)(b) li huwa reat kompriż u involut fit-tieni imputazzjoni.*

Illi minn dan johorg illi minkejja illi jaf ikun hemm effetti permanenti, dawn ma jinkwadrawx ruhhom awtomatikament f'dak illi jiddisponi l-Artikolu 218 tal-Kap 9. Illi f'dan il-kaz jinghad illi fl-ebda hin l-Ewwel Qorti ma hadet judicial notice ta' xi feriti fuq wicc il-parte civile meta huwa xehed u dana ghaliex tali feriti lanqas mir-ritratti ezebiti ma jidhru.

Illi ssir ukoll referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Aquilina** deciza mill-Qorti tal-Magsitrati (Malta) nhar il-11 ta' Dicembru 2019 fejn il-Qorti rriteniet illi:

> *Kwantu ghall-asimettrija fl-ghadma tal-imnieher u t-tghawwig tal-qarquca tal-imnicher u l-konsegwenti ostruzzjoni fl-imnifsejn tal-lemin, il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm huwa stabbilit illi dawn huma ta' natura permanenti ghaliex kif xehed l-espert konsulent Kenneth Muscat it-tghawwig u l-asimettrija jistgħu jitrangaw biss permezz ta'*

[3] Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235

*operazzjoni, il-Qorti ma taqbilx illi dawn l-offizi jistgħu jgibu perikolu ta' debbulizza permanenti fil-funzjoni tal-imnicher a tenur tal-paragrafu (ii) tal-Artikolu 216(1)(a). Teskludi wkoll illi dawn jistgħu jitqiesu bhala mankament fil-wicc.*

Fil-fehma tal-Qorti, dawn l-offizi jikkostitwixxu l-isfregju prospettat mis-subinciz (b) tal-Artikolu 216(1) tal-Kap. 9 kif ukoll, partikolarment kuantu ghall-ostruzzjoni tal-imnifsejn minhabba t-tghawwig fil- qarquca, difett permanenti f parti tal-ghamla tal-ġisem. Minn dan jikkonsegwi illi ghalkemm hemm element ta' permanenza fl-offizi subiti fl-imnicher, dawn m'humiex tal-gravita li jehtieg sabiex tigi ravvizata 1- offiza gravissima prospettata mill-Artikolu 218 tal-Kap. 9 izda huma offizi ta' natura gravi fit-termini ta 1-Artikolu 216(1)(a)(iii) u (b) tal-Kap. 9.

Fil-kaz in dizamina, johrog mir-relazzjoni tal-espert Mario Scerri illi tali lezjonijiet huma fil- minimu. Barra minn hekk, minn ezami tar-ritratti tal-vittma li jifformaw parti mir-relazzjoni tieghu, ma jirrizultax li d-deformita' hija wahda notevoli.

Issa, skont it-test legali, sabiex l-Artikolu 218 jirrizulta ghalhekk l-isfregju irid ikun gravi u permanenti (it causes any serious and permanent disfigurement of the face) jew l-offiza tikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti sparti tal-ghamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-mohh (*it causes any permanent debility of the health or any permanent functional debility of any organ of the body, or any permanent defect in any part of the physical structure of the body, or any permanent mental infirmity*.) Illi meta xehed 1-espert Scerri fir-rigward ta' James Farrugia fl-ebda mument ma jispjega illi dan kien sfregju ossia disfigurement izda jghid illi huwa sofra deformity ossia mankament. Lanqas ma juza' l-kliem GRAVI U PERMANENTI Illi ghalhekk 1-Ewwel Qorti ma kelliex issib il-htija taht l-Artikolu 218;

Illi rigward id-differenza bejn "*deformity*" (mankament) jew "*disfigurement*" (sfregju) msemmija fl-Artikoli 216 (1) (b) u 218 (1) (b) tal-Kodici Kriminali jintqal illi:

> *"B'mankament fil-wiċċ il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wiċċ li, anke mingħajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduċi sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto". (Manzini, V., Trattato di Diritto Penali, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235) Sfreġju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull ħsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wiċċ, fl-armonija tal-lineamenti tal-wićć, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wiċċ. Skont ġurisprudenza ormai pacifika,din il-hsara li tammonta ghal*

*sfreġju trid tkun viżibbli minn distanza li hi dik "li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin."*

Illi l-istess Dr. Scerri ma jispjegax jekk dan il-mankament kienx gravi jew kemm kien gravi *ad dirittura*.

Illi iktar minn hekk, huwa stabbilit li l-Qorti tista' tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik tat- tobba. Illi ghandu jinghad ukoll illi skont dak illi tghallem il-Qorti tal-Appell Kriminali fosthom fil-kaz **Il-Pulizija vs Generoso Sammut** tat-2 t'Awissu 1999 dwar l-offiża fuq il-persuna:

Hi żbaljata l-idea, spis ventilata, li biex issir il-prova skont il-Ligi u sal-grad li trid il-Ligi ta' offiża fuq il- persuna hemm bżonn ta' ċertifikat mediku jew tad-depożizzjoni ta' tabib. Tali ċertifikat jew depożizzjoni jistgħu jkunu meħtieġa jekk mid-depożizzjoni ta' xhieda ohra, inklużi l-parti offiża, jibaqa' xu dubju regonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiża fuq il-persuna u jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiża.s Illi l-Qorti fl-istess kaz citat hawn fuq u cioe **Il-Pulizija vs. Paul Spagnol**.

Kollox jiddependi mill-entita tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah il-hsara fil-gergo mediku jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wice.

Illi ghalhekk huwa mholli ghall-gudikant tal-fatt illi jara u janalizza x'inhi t-tip ta' offiza u mhux necessarjament ghandu joqghod fuq l-opinjoni medika;

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Caruana** deciza minn din I-Onorabbli Qorti datata s- 27 ta' Ottubru 2016 din il-Qorti kkunsidrat hekk

Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan ir-reat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita', ossia dak l-element, jirrafigura biss fl-ezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jekk l-offiza tista ggib periklu tal-hajja, ta' debulizza permanenti fis-sahha, ta' difett permanenti jew ta' marda permanenti tal-mohh, ukoll fl-artikolu 218 meta jipprovdi li d-debulizza fis-sahha, I-marda fil-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett "jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk". Sabiex tkun skontrata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b), dak addebitat lill- appellant, huwa bizzejjed li l-offiza kienet fuq l-idejn jew fuq il-wice u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma jiccentraw xejn in rigward;

Illi ghalhekk huwa car illi gravita' u permanenza fil-wice, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz huma 1- elementi kostitwivi tal-isfregju kif ikkontemplat fl-Artikolu 218 (1) (b) tal-Kodici Kriminali.

Illi għalhekk l-appellant jikkontendi illi semai huwa kellu jinstab hati skont dak illi jipprovdi 1- Artikolu 216 (1) (b) tal-Kap 9 u mhux l-artikolu 218 tal-Kap 9;

Illi f'dan is-sens l-appellant jirrimarka wkoll illi l-Ewwel Qorti fil-parti rigward il-piena ghamlet osservazzjoni illi huwa ma jistax jinghata ordni ta' probation. Illi bir-rispett dovut il-Qorti hawnhekk ukoll kienet zbaljata stante illi l-ordni tal-probation hija espressament eskluza skont l- Artikolu 217 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi testwalment jghid hekk:

> 217. *L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn sentejn sa ghaxar snin jekk tiġi maghmula b'arma regulari, inkella bi strument li jaqta' jew inniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroživ*

Iżda meta r-reat ikun sar b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi l-piena minima tkun prigunerija ghal erba' snin u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma japplikax.

Illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni illi f'dan il-kaz l-proviso tal-Artikolu 217 ma japplikax stante illi l-ebda sustanza jew likwidu li jesplodi qatt ma semma jew gie intuzat.

Illi in oltre, filwaqt illi l-artikolu 217 isegwi l-artikolu 216 u għalhekk japplika ghall-ferita gravi ma jidhirx illi l-Ligi ghandha l-ekwivalenti jew simili ta' din id-disposizzjoni fejn si tratta ta' offiza gravissima u ghalhekk l-artikolu 218, Ili iktar u iktar ghalhekk ma jidhirx illi kien hemm xi impediment *expressis verbis* sabiex l-appellant ikun jista' jkun intitolat ghal dak illi jiddipsoni 1. Kap 446;

**B.Piena Erogata**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. IIIi l-appellant umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu hija wahda eccessiva fic-cirkostarızi tal-kaz odjern u cioe dik ta' sitt snin prigunerija effettiva.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li **l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru.**

Illi f'dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta fil-konfront tal-hati.

Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet oħra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.

Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulux piena fissa isoma tistipula minimu u massimu, jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro deuk, il-parametri, teroga dik il-piens permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu, dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'għandux jinghata piena karcerarja jekk kija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li fridu jintlahqu permezz tagħha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'għandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha tez zghozija, huwa regel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghall-mit...

IIIi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

> "*Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiched minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop ichor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilane gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*"

12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jagħmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta' għalhekk ma tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-għajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jagħmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta' permezz ta' servizz fil-komunita'. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, 1-appellantil-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta' offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat in funditus meta Qorti għandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

> *Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Anthony Wood din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta L-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali. Huwa car, anke fid-daul tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht i-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe' biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament tagħmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jgħaddi ghat-tielet stadju, u cioe' biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t- tielet istadju hi li wiched jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju għal tali sospensjoni (bhalma huma l- paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl- Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament), jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ghandha tigi*

*sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe' ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Huwa minnu li, kif jispjega I-**Professur David Thomas** fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing** "

> *[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."*

Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' Anthony Wood) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha 1- qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika 1- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero', cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).

9. Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li għandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-grauita" tar-reat, il-mod kif ikan 4 twettaq, l-impatt fuq is-socjeta', il-ksara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-bsara, il- koperazzjoni u l-għajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fit-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix faktar spejjez), I-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikaluza uljew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat ichor (simili jeto ta xorta ehra), u hefna u hafna cirkostanzi ohra, Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) għandu jichu kont tal-impatt tar-reat fuq is- socjeta u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni kija r-rifless ta' dak l-impatt), il- gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-għajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f'xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addoce ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi

u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant:**

> ***"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."***

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-22 ('Ottubru 2019 fl-ismijiet **'Il<u>- Pulizija vs Mohamed BERKOUK, Maalem ABDERRAHMANE, Lazhari ZAMOUCHE</u>'** gie kkunsidrat li;

> *6. Peress li dan huwa appell limitat biss ghall-piena inflitta, din il-Qorti trid tistharreg jekk il-Qorti tal- Magistrati setghetx legalment u ragonevolment tasal ghas-sentenza taghha billi tanalizza jekk il- piena inflitta minn dik il-Qorti kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetz zbaljata fil-principju, jew jekk kienetx manifestament eccessiva. Kif gie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawza fl-ismijiet The **Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** decīza nhar il-25 t'Atwissu 2005:*
>
> *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):*
>
> *"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the tway he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, "This court will..be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated:....that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence, for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Bath Channell I in Nuttall and Lord Hetoart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more*

*recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side - an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2*

*This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*7. Fi ftit kliem, jispetta lill-Qorti tal-Magistrati li tiddeciedi fuq il-fatti tal-kaz, fuq jekk l-imputat ikunx hati jew le, u jekk hati, x'piena ghandha tingħatalu. Jekk il-Qorti tal-Magistrati ma tkunx hadet xi zball fl- analizi tal-provi jew tal-Ligi, allura s-sentenza taghha tibqa' torbot u din il- Qorti ma tistax taqbad u tbiddilha jew thassarha jekk ma jkunx hemm raguni valida ghaliex. Jekk pero I-Qorti tal-Magistrati tkun hadet xi zball, imbaghad din il-Qorti ghandha d-dmir li dak l- izball tirrangah.*

*8. Din il-Qorti trid tanalizza wkoll jekk il-Qorti tal-Magistrati applikatx piena li kienet **manifestament** eccessiva meta wiehed jiehu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas- sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li gie wkoll imbaghad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deciza nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bhala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza moghtija mill- Qorti tal-ewwel istanza sempliciment ghaliex kienet tippreskrivi piena li kienet ghola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku taghti kieku kienet hi li qegħda teroga 1-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien mehtieg'li l-appellant juri li l-piena moghtija mill-Qorti tal-Magistrati kienet tohrog barra mill-parametri tal-piena jew mizuri applikabbli għall-kaz. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma zbaljati fil-principju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni horox ghal xi Gudikanti. Biex piena moghtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tigi mibdula jrid jigi pruvat li kien hemm xi zball fil-principju meta giet emanata dik il- piena.*

*9 Il-gustifikazzjoni tal-piena fl-ezercizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet principji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti principali, jigifieri l-effett:*

*(a) Retributtiv,*
*(b) Preventiv, u*

*(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena*

*L-aspett retributtiv tal-piena kuwa, skont l-gurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi is-sitwazzjoni morali socjali għal kif kienet qabel ma sehhet il-ħsara lis-socjeta bil-kommissjoni tar-rest. U 5-socjeta tezigi li l-hati jagħmel tajjeb ghall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paci u trankwillita' tagħha.*

*L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi ghal bizia li s-sanzjoni li tkun tista' tinghata tohleq f'mohh is-socjeta, b'mod li dak li jkun jerga jahsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ichor, minhabba l-biza li tehel il-piena, persuna tigi mgeghela tixtarr sew il- konsegwenzi t'eghmilha qabel ma twettaq l-att kriminuz*

*L-aspett preventiv għalhekk huwa duplici: wiehed ta' natura generali u l-ichor ta' natura specjali. L-effett preventiv generali huwa dak li bis-sahha tal-ligi penali li tistabbilixxi l-piena, is-socjeta tigi kemm jista' jkun imrazina milli tikkommetti reati minhabba l- biza li tinkorri fil-piena jekk tinstab hatja. Aktar ma dik il-piena tigi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv generali jkun lahaq il-mira tieghu. L-aspett preventiv specjali huwa dak li japplika ghall-hati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal- piena, b'mod li darb'ohra jerga jahsibha sew qabel ma jaghzel li jikser il-Ligi. Jekk is-socjeta titlef din il-biza mill-piena minhabba li l-Ligi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minhabba li l-pieni ma jigux applikati bir-rigorosita dovuta ghall-fattispecie tal-kaz, allura ma jkun hemm xejn li jgieghel lill- membri tas-socjeta milli jiddezistu ghax jekk jiddelinkwu mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza zghira, isir konvenjenti ghall- membri fi hdan socjeta li jiddelinkwu. Dan iwassal ghal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti ghall- interessi tal-kollettivita'. Is- socjeta allura tehtieg' li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaci mehtieg ghall-ezistenza pacifika taghha stess. Altrimenti, il-kollass.*

*Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkoncentra mhux daqstant fuq l- aspett tal-ħtija specifika al-hati u li ghaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, dagskemm fuq l-aspett ta' trattament terapeutiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-hati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa krucjali ghas-socjeta in kwantu jgħin lill-hati jghaddi minn process ta' riforma tieghu innifsu biex jghinu jinqata' mir-ragunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jaghraf iqum fuq saqajh, jibni hajtu mill- gdid u ma jibqax aktar ta' theddida ghas- socjeta bhal meta kien fil- mument meta jkun iddelinkwa.*

*F'dan il-kuntest il-piena ghandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-hati. Biex dan 1- ghan jintlahaq, il-hati ghandu jsib dawk l-istrutturi mahsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jigi mghejjun itejjeb 1-imgieba tieghu b'mod li għalhekk ikun jista' jerga jigi reintegrat fis- socjeta, billi jigi riedukat, imheggeg jizviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tieghu, inkoraggit jahdem biex ikollu biex jerga jibni hajtu u jghix dicenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn jagħmel tajjeb ghad-danni li jkun ikkawza b'eghmilu. F'dan is-sens allura 1-Carnelutti įtenni li l-piena hija distinta mill- kastig, ghalkemm għandha effikacja repressiva."*

Ghalhekk il-piena imposta kemm fil-kwalita tagħha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Illi fir-rigward tal-konsiderazzjoni illi ghamlet I-Ewwel Qorti u cioe fejn tghid illi l-Qorti hija prekluza milli taghti Ordni ta' Probation, bid-dovut rispett jinghadd illi hawnhekk ukoll il-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-Ligi. Illi harsa lejn il-proviso tal-Artikolju 7 tal-Kap 446 dan jghid hekk

Iżda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, lighandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw lil-hati jitqieghed taht ordni ta' probation fil-każ ta' reat li, min barraxi żjieda fil-piena minhabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux ghaxar snin, il-qorti tista' tagħmel ordni ta' probation

Illi ghalhekk il-Qorti naqset milli tikkonsidra tali proviso illi japplika f'dan il-kaz f'cirkostanzi bhal tal-appellant illi minkejja dan l-incident illi huwa wiehed izolat, kien hemm progress kbir u sostanzzjali fil-hajja tieghu. Illi l-appellant jikkontendi, illi l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha ma qiesitx bizzjed il-fatt illi l-fedina penali tal-appellant hija wahda prattikament netta u illi dan l-incident kien wiehed izolat. Illi di piu', l-ufficjal tal-probation tispjega kjarament aspetti ferm pozittivi fuq l-appellant u cioe illi minn dak iz-zmien tal-incident, huwa jghix hajja stabbli fejn jahdem u ghandu negozju tal-haxix, ghandu relazzjoni stabbli u huwa missier ta' tifel minuri.

Illi dak illi xehdet 1-Ufficjal tal-Probation nhar is-26 ta' Mejju 2022 huwa fis-sens illi ghandu relazzjoni tajba ma' ommu u din taghtih hafna support, huwa bniedem biezel u tar-rispett, ghandu responsabbilitajiet kbar f'hajtu fosthom familja tiegħu u ibnu minuri illi jiddependi fuqu u fuq ommu, huwa m'ghandux vizzji, huwa ddejjem

kkopera kemm mal-Pulizija u kif ukoll mal- ufficjal tal-probation. Illi anke l-Ispettur tal-kaz meta gie kkuntatjat sahaq illi l-Qorti ghandha tiehu konsiderazzjoni tal-istabbilita' u l-produttivita' tieghu.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kaz u dan fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2025.

**Ikkunsidrat;**

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-appellant jistqar li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla u dan stante li l-ewwel Qorti wara li gharblet l-provi kollha imressqa qieset li mill-assjem tal-provi kif migbura fil-preponderanza tal-provi prodotti kienet konvinta li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova il-kaz taghha sal-grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat James Farrugia skond l-artikolu 218 ta-Kodici Kriminali u ghalhekk sabitu hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa fuqu u fuq Massimo Caruana. Madankollu fid-decide taghha l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-artikoli 214, 215 216, 217, u 218 tal-Kodici Kriminali ossia l-artikoli illi jikkontemplaw l-feriti gravi u mhux il-ferita hafifa. Illi ghalhekk stqarr l-appellant li dak rifless fis-sentenza mhux rifless fid-decide u l-appellant jikkontendi li dan ghandu jgib in-nullita tas-sentenza moghtija mill-ewwel l-Qorti. Ex admissed fil-konfront tal-parte civile James Farrugia tghid "*...fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotta kontra l-imputat James Farrugia skond l-artikolu 218 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk sejra issibu hati talli kkaguna ferita hafifa fuqu*. Waqt li fil-konfront tal-parte civile Massimo Caruana tghid ex-admissed ukoll "*…il-prosekuzzjoni irnexilha tipprova l-kaz taghha sal grad rikjest f'proceduri penali fir-rigward l-imputazzjonijeit dedotta kontrra l-imputat Massimo Caruana skond l-artikolu 216 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk sejra issibu hati talli kkaguna ferita hafifa fuqu*."

Huwa palezi ghalhekk li filwaqt li l-ewwel Qorti f'hin minnhom tghid li qed issib ill-appellant hati talli ikkaguna ferita hafifa fuq il-persuna ta' James Farrugia u Massimo Caruana fl-istess nifs taghmel referenza ghall-artikoli tal-ligi li jirreferu ghal-ferita ta' natura gravi. Anke fid-Decide taghha l-Qorti fl-ebda hin ma taghmel referenza ghall-Artikolu koncernanti ferita hafifa izda dawk li jikkoncernaw ferita ta' natura gravi.

Illi l-Avukat Generali fir-risposta tieghu jikkontendi li dan hu zball *lapsus calami* tal-ewwel Qorti u dan ghaliex jidher car li l-intendiment tal-Qorti kien qiehed li issib lill-appellant hati talli ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq Massimo Caruana u James Farrugia u dan stante li l-artikoli citati minnha jikkoncernaw feriti ta' natura gravi minkejja li hija kitbet ferita ta' natura hafifa.

Illi l-ġurisprudenza tgħallem li mhux kull irregolarita' jew imprećiżjoni li jista' jkun hemm fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati twassal għan-nullita' tagħha. Artikolu 382 tal Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sentenza valida. Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> *"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."*

Il-ġurisprudenza li tirrigwarda l-elementi - meqjusa ad validitatem - li sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati għandu jkollha tinkludi **Il-Pulizija vs. Joseph Muscat,**[4] **Il-Pulizija vs. Stephen Bonsfield**[5], **Il-Pulizija vs. Nutar Peter sive Pierre Falzon**[6], **Il-Pulizija vs. Carmel Attard**,[7] **Il-Pulizija vs. Robert Farrugia,**[8] **Il-Pulizija vs. Philip Zahra**,[9] **Il-Pulizija vs. Francis Mallia**[10], **Il-Pulizija vs. Anthony Zahra**[11], **Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**[12], fost l-oħrajn, mnejn jirriżulta li dawn l-elementi imsemmija fl-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali qegħdin hemm biex jiġu osservati skrupolożament. L-interess ġuridiku tutelat b'din id-disposizzjoni u l-interpretazzjoni mogħtija lilha mill-ġurisprudenza iddur madwar il-fatt li n-nuqqas t'osservanza ta'

[4] Qorti tal-Appell Kriminali (10.6.1994)
[5] Qorti tal-Appell Kriminali (27.4.06)
[6] Qorti tal-Appell Kriminali (17.1.2019)
[7] Qorti tal-Appell Kriminali (6.6.2007)
[8] Qorti tal-Appell Kriminali (19.11.2015)
[9] Qorti tal-Appell Kriminali (28.9.2017)
[10] Qorti tal-Appell Kriminali (25.2.1965)
[11] Qorti tal-Appell Kriminali (26.5.1994
[12] Qorti tal-Appell Kriminali (28.5.1987)

dawn ir-rekwiżiti jista' joħloq inċertezza fil-moħħ tal-imputat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu. Fi kliem ieħor, minn qari tal-parti operativa tas-sentenza, l-imputat irid ikun f'pożizzjoni illi jifhem b'mod ċar il-bażi legali tal-ħtija tiegħu u l-fatti li fuqhom il-Qorti tkun hekk qiegħda ssibu ħati. Il-ġurisprudenza ma tippermettix wisq impreċiżjonijiet li jolqtu s-sustanza ta' dan l-interess ġuridiku tutelat.

Iżda mhux kull impreċiżjoni fit-tħaris tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali twassal għan-nullita' tas-sentenza appellata. L-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa ċar fil-lokuzzjoni tiegħu li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sentenza valida. Wieħed minn dawn ir-rekwiżiti huwa li sentenza jrid ikun fiha referenza għall-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat. Dan ifisser li sentenza tkun nulla jekk ma tkunx issemmi d-dispożizzjonijiet tal-Liġi li tikkontempla r-reat. Dwar dan il-punt il-ġurisprudenza hija wkoll varja minħabba l-isfumaturi li tali nuqqas jew impreċizjoni jista' jassumi. Iżda s-sustanza ta' din id-disposizzjoni tibqa' ċara – in-nullita titnissel fil-każ li l-Qorti tonqos li ssemmi l-artikolu tal-liġi li jikkontempla r-reat.

Illi għandu jingħad li n-nuqqas ta' osservanza ta' wieħed jew iktar mir-rekwiżiti msemmija f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jwassal għal nuqqas ta' ħtieġa formali essenzjali li timpinġi fuq is-sentenza u l-validita' tagħha. F'diversi sentenzi[13] mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta ngħad kif l-elementi msemmija f'Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huma meqjusa *ad validitatem* u jridu jiġu osservati skrupolożament. Din l-iskrupolożita' fl-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti mhix sempliċi formaliżmu iżda hija bbażata fuq il-ħtieġa li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tkun ċara u ma toħloq l-ebda inċertezza f'moħħ l imputat għal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.

Illi b'daqshekk ma jfissirx li s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jridu jkunu eżenti minn kull forma ta' żball jew ineżattezza, anke jekk tkun relattivament żgħira jew minuri.

---

Spiss jiġri li s-sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati jkun fihom ineżattezzi li pero' mhux neċessarjament jwasslu għan-nullita' tas-sentenza.

Fil-kaz in desamina huwa minnu li l-ewwel Qorti titkellem dwar in-natura ta' ferita gravi u l-isfumaturi taghha u ticcita l-artikolu tal-ligi li japplikaw ghal tali tip ta' ferita pero imkien fis-sentenza ma tghid li qed issib lill-appellant hati talli kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jeremy Farrugia u Massimo Caruana. Wiehed mir-rekwiziti rikjesti *ad valeditatem* huwa li jkun hemm dikjarazzoni ta' htija fir-rigward tas-sejba ta' htija ta' kull reat partikolari. L-ewwel Qorti naqset milli tosserva r-rekwiziti msemmija f'dan l-artikolu stante li naqset milli tiddikjara lill-appellat hati tal-imputazzjoniji li kkaguna ferita ta' natura gravi dedotti kontra tieghu u ddikajratu hati talli kkaguna ferita ta' natura hafifa u wara ghaddiet biex teroga piena minghajr din id-dikjarazzjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant Twain Sciberras fir-rigward tan-nullita tas-sentenza li tinsab fl-atti proċesswali u għaldaqstant tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppio esame, qed tirrinvija l-atti lill-Qorti tal Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex l appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skont il-liġi.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**